Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 979/2007**

tal-21 ta' Awwissu 2007

li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja ta' importazzjoni ta' laħam tal-majjal li joriġina fil-Kanada

(ĠU L 217, 22.8.2007, p. 12)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1564/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007	L 340	36	22.12.2007

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 979/2007

tal-21 ta' Awwissu 2007

li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja ta' importazzjoni ta' laħam tal-majjal li joriġina fil-Kanada

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar il-konklużjoni tan-Negozjati ta' l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT ([2]), approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/444/KE ([3]), jipprovdi għall-inkorporazzjoni ta' kwota tariffarja ta' importazzjoni allokata għal pajjiż (il-Kanada) ta' 4 624 tunnellata laħam tal-majjal.

(2) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim hija l-1 ta' Awwissu 2007; id-data tal-ftuħ tal-kwota tar-rata tariffarja għall-ewwel sena tal-kwota u l-kwantità rispettiva għandha tkun speċifikata.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistipula regoli komuni ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ([4]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistipula regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji ta' importazzjoni ta' prodotti agrikoli mmexxija minn sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni ([5]) għandhom japplikaw, sakemm ma jkunx hemm dispost mod ieħor f'dan ir-Regolament.

(4) Sabiex l-importazzjonijiet iżommu pass regolari, l-kwantitajiet ta' prodotti koperti bil-kwota tariffarja ta' importazzjoni għandhom jitferrxu fuq erba' subperjodi fil-perjodu mill-l ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju. Għas-sena tal-kwota 2007/2008, il-kwota tariffarja għandha tinfirex fuq tliet subperjodi. Fi kwalunkwe każ, ir-Regolament (KE) Nru 1301/2006 jillimita l-perjodu ta' validità tal-liċenzji sa l-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja ta' importazzjoni.

(5) L-amministrazzjoni tal-kwota tariffarja għandha tkun ibbażata fuq il-liċenzji ta' importazzjoni. Għal dak il-għan, għandhom jiġu stipulati regoli dettaljati dwar kif jintbagħtu l-applikazzjonijiet għal liċenzja ta' importazzjoni u l-informazzjoni li għandha tidher f'dawn l-applikazzjonijiet u l-liċenzji ta' importazzjoni.

(6) Fl-interess ta' l-operaturi għandha ssir dispożizzjoni li l-Kummissjoni tiddetermina l-kwantitajiet li ma japplikawx għalihom u li jiżdiedu mas-subperjodu ta' wara.

(7) Ir-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera tal-prodotti importati skond il-kwota miftuħa b'dan ir-Regolament għandu jkun suġġett għall-

([1]) ĠU L 282, 1.11.1975, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).
([2]) ĠU L 169, 29.6.2007, p. 55.
([3]) ĠU L 169, 29.6.2007, p. 53.
([4]) ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1 Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).
([5]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 16.3.2007, p. 17).

▼B

preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' oriġini li jinħareġ mill-awtoritajiet Kanadiżi skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [1].

(8) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-laħam tal-majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Kwota tariffarja ta' importazzjoni għal laħam tal-majjal kif stipulata fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada, approvata mid-Deċiżjoni 2007/444/KE, qiegħda tinfetaħ.

Il-kwota tariffarja ta' importazzjoni għandha tinfetaħ kull sena għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju.

In-numru ta' l-ordni tal-kwota għandu jkun 09.4204.

2. Il-kwantità totali annwali ta' prodotti li jibbenifikaw mill-kwota msemmija fil-paragrafu 1 u r-rata ta' dazju huma stipulati hawn fl-Anness I.

3. Għas-sena tal-kwota 2007/2008, il-kwota tariffarja għall-importazzjoni għandha tinfetaħ għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2007 sat-30 ta' Ġunju 2008.

Il-kwantità annwali totali kif stabbilit fl-Anness I għandha tkun disponibbli għal dan il-perjodu.

Artikolu 2

Għandhom japplikaw ir-Regolamenti (KE) Nru 1291/2000 u (KE) Nru 1301/2006, sakemm ma jkunx hemm dispost mod ieħor f'dan ir-Regolament.

Artikolu 3

1. Il-kwantità annwali fil-perjodu tal-kwota tariffarja ta' importazzjoni għandu jinqasam f'erba' subperjodi kif ġej:

(a) 25 % fil-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru;

(b) 25 % fil-perjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru;

(c) 25 % fil-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu;

(d) 25 % fil-perjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju.

2. Għas-sena tal-kwota 2007/2008, il-kwota tariffarja għall-importazzjoni għandha tinqasam kif ġej fi tliet subperjodi:

(a) 50 % għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2007;

(b) 25 % għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2008;

(c) 25 % għall-perjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2008.

[1] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 214/2007 (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 6).

▼B

Artikolu 4

▼M1

1. Għall-finijiet ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, min japplika għal liċenzja ta' l-importazzjoni, meta jressaq l-ewwel applikazzjoni tiegħu għal perjodu partikolari annwali tal-kwota, għandu jagħti prova li matul kull wieħed miż-żewġ perjodi stipulati fl-imsemmi Artikolu 5, ikun importa jew esporta talanqas 50 tunnellata prodotti li huma elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75.

▼B

2. L-applikazzjonijiet għal liċenzja ta' importazzjoni għandu jkollhom in-numru ta' l-ordni, u jistgħu jirreferu għal diversi prodotti koperti b'kodiċi tan-NM differenti u li joriġinaw fil-Kanada. F'dawk il-każi, il-kodiċi tan-NM kollha għandhom jkunu indikati fil-kaxxa 16 u d-deskrizzjonijiet tagħhom fil-kaxxa 15.

L-applikazzjoni għal liċenzja ta' importazzjoni għandha tkopri talanqas 20 tunnellata tal-piż ta' prodott u ma tistax tkopri aktar minn 20 % tal-kwantità disponibbli għal kull subperjodu ta' kwota tariffarja ta' importazzjoni.

3. Il-liċenzji ta' importazzjoni jobbligaw importazzjoni mill-pajjiż speċifiku.

4. L-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' importazzjoni u l-liċenzji ta' importazzjoni stess għandu jkun fihom:

(a) f'kaxxa 8, il-pajjiż ta' l-oriġini u t-tweġiba "iva" mmarkata b'salib;

(b) f'kaxxa 20, waħda mill-indikazzjonijiet imniżżla f'Parti A ta' l-Anness II.

5. Fil-kaxxa 24 il-liċenzja għandu jkun fiha waħda mill-indikazzjonijiet imniżżla fl-Anness II, parti B.

Artikolu 5

1. Applikazzjonijiet għal liċenzja ta' importazzjoni għandhom jitressqu matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' qabel kull subperjodu.

2. Garanzija ta' EUR 20 għal kull 100 kilogramma ta' piż ta' prodott għandha tkun depożitata flimkien ma' l-applikazzjoni għal liċenzja.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-tielet jum ta' xogħol wara dak ta' tmiem il-perjodu tat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet, il-kwantitajiet totali mitluba, espressi f'kilogrammi.

4. Il-liċenzji ta' importazzjoni jinħarġu mis-seba' jum ta' xogħol u sa mhux aktar tard mill-ħdax-il jum ta' xogħol wara dak ta' tmiem il-perjodu ta' notifika previst mill-paragrafu 3.

5. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kwantitajiet li għalihom ma tressqet l-ebda applikazzjoni u li jiżdiedu awtomatikament mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu tal-kwota suċċessiv.

Artikolu 6

1. B'deroga mit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, qabel it-tmiem ta' l-ewwel xahar ta' kull subperjodu, il-kwantitajiet totali espressi f'kilogrammi li għalihom inħarġu l-liċenzji ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament imsemmi.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, qabel tmiem ir-raba' xahar wara kull perjodu annwali, il-kwantitajiet effetti-

▼B

vament imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni libera skond dan ir-Regolament matul il-perjodu kkonċernat, espressi f'kilogrammi.

3. B'deroga mit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-kwantitajiet koperti minn liċenzji ta' importazzjoni mhux użati jew parzjalment użati, l-ewwel darba flimkien ma' l-applikazzjoni għall-aħħar subperjodu, u darb'oħra qabel tmiem ir-raba' xahar wara kull perjodu annwali.

Artikolu 7

1. B'deroga mill-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 liċenzji ta' importazzjoni huma validi għal 150 ġurnata mill-ewwel jum tas-subperjodu li għalih inħarġu.

2. B'deroga mill-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, id-drittijiet li joħorġu minn liċenzji ta' importazzjoni jistgħu jkunu trasferiti biss lil dawk li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 u fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Ir-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera tal-prodotti tal-kwota msemmija fl-Artikolu 1 jesiġi l-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' oriġini maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti Kanadiżi skond l-Artikoli 55 sa 65 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2):

Nru ta' l-ordni	Kodiċijiet tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodott	Rata ta' dazju applikabbli	Kwantità totali tal-piż tal-prodott f'tunnellati
09.4204	0203 12 11	Qatgħat ta' suini, friski, imkessħa jew iffriżati, bla u bl-għadma, eskluż il-flett ippreżentat għalih	389 EUR/t	4 624
	0203 12 19		300 EUR/t	
	0203 19 11		300 EUR/t	
	0203 19 13		434 EUR/t	
	0203 19 15		233 EUR/t	
	ex 0203 19 55		434 EUR/t	
	0203 19 59		434 EUR/t	
	0203 22 11		389 EUR/t	
	0203 22 19		300 EUR/t	
	0203 29 11		300 EUR/t	
	0203 29 13		434 EUR/t	
	0203 29 15		233 EUR/t	
	ex 0203 29 55		434 EUR/t	
	0203 29 59		434 EUR/t	

▼B

ANNESS II

PARTI A

Indikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(4b):

— *bil-Bulgaru:*	Регламент (ЕО) № 979/2007
— *bl-Ispanjol:*	Reglamento (CE) nº 979/2007
— *biċ-Ċek:*	Nařízení (ES) č. 979/2007
— *bid-Daniż:*	Forordning (EF) nr. 979/2007
— *bil-Ġermaniż:*	Verordnung (EG) Nr. 979/2007
— *bl-Estonjan:*	Määrus (EÜ) nr 979/2007
— *bil-Grieg:*	Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 979/2007
— *bl-Ingliż:*	Regulation (EC) No 979/2007
— *bil-Franċiż:*	Règlement (CE) nº 979/2007
— *bit-Taljan:*	Regolamento (CE) n. 979/2007
— *bil-Latvjan:*	Regula (EK) Nr. 979/2007
— *bil-Litwan:*	Reglamentas (EB) Nr. 979/2007
— *bl-Ungeriż:*	A 979/2007/EK rendelet
— *bil-Malti:*	Regolament (KE) Nru 979/2007
— *bl-Olandiż:*	Verordening (EG) nr. 979/2007
— *bil-Pollakk:*	Rozporządzenie (WE) nr 979/2007
— *bil-Portugiż:*	Regulamento (CE) n.º 979/2007
— *bir-Rumen:*	Regulamentul (CE) nr. 979/2007
— *bis-Slovakk:*	Nariadenie (ES) č. 979/2007
— *bis-Sloven:*	Uredba (ES) št. 979/2007
— *bil-Finlandiż:*	Asetus (EY) N:o 979/2007
— *bl-Iżvediż:*	Förordning (EG) nr 979/2007

▼B

PARTI B

Indikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(5):

— *bil-Bulgaru:*	Мита по ОМТ, намалени съгласно Регламент (ЕО) № 979/2007
— *bl-Ispanjol:*	Reducción de los derechos del AAC en virtud del Reglamento (CE) nº 979/2007
— *biċ-Ċek:*	SCS cla snížená podle nařízení (ES) č. 979/2007
— *bid-Daniż:*	FTT-toldsats nedsat i henhold til forordning (EF) nr. 979/2007
— *bil-Ġermaniż:*	Ermäßigung des Zollsatzes nach dem GZT gemäß der Verordnung (EG) Nr. 979/2007
— *bl-Estonjan:*	Ühise tollitariifistiku tollimakse vähendatakse vastavalt määrusele (EÜ) nr 979/2007
— *bil-Grieg:*	Μειωμένος δασμός του κοινού δασμολογίου, όπως προβλέπει ο κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 979/2007
— *bl-Ingliż:*	CCT duties reduced as provided for in Regulation (EC) No 979/2007
— *bil-Franċiż:*	Droits du TDC réduits conformément au règlement (CE) nº 979/2007
— *bit-Taljan:*	Dazi TDC ridotti secondo quanto previsto dal regolamento (CE) n. 979/2007
— *bil-Latvjan:*	KMT nodoklis samazināts, kā noteikts Regulā (EK) Nr. 979/2007
— *bil-Litwan:*	BMT muitai sumažinti, kaip numatyta Reglamente (EB) Nr. 979/2007
— *bl-Ungeriż:*	A közös vámtarifában meghatározott vámtételek csökkentése a 979/2007/EK rendeletnek megfelelően
— *bil-Malti:*	Dazji TDK imnaqqsa kif previst fir-Regolament (KE) Nru 979/2007
— *bl-Olandiż:*	Invoer met verlaagd GDT-douanerecht overeenkomstig Verordening (EG) nr. 979/2007
— *bil-Pollakk:*	Cła pobierane na podstawie WTC obniżone jak przewidziano w rozporządzeniu (WE) nr 979/2007
— *bil-Portugiż:*	Direitos PAC reduzidos em conformidade com o Regulamento (CE) n.º 979/2007
— *bir-Rumen:*	Drepturile TVC se reduc conform prevederilor Regulamentului (CE) nr. 979/2007
— *bis-Slovakk:*	clo SCS znížené podľa ustanovení nariadenia (ES) č. 979/2007
— *bis-Sloven:*	carine SCT, znižane, kakor določa Uredba (ES) št. 979/2007
— *bil-Finlandiż:*	Yhteisen tullitariffin mukaiset tullit alennettu asetuksen (EY) N:o 979/2007 mukaisesti
— *bl-Iżvediż:*	Tullar enligt Gemensamma tulltaxan skall nedsättas i enlighet med förordning (EG) nr 979/2007.